MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Numru. 420/2003

PULIZIJA
SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI
VS
ALFRED DEGIORGIO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Alfred Degiorgio ta’ 38 sena, iben Lewis u Josephine nee’ Bezzina, imwieled Marsa fl-24 ta’ Ottubru 1964, residenti St. John Flats/No.6, Triq l-Ghaguza, Marsascala u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 541264(M);

Illi huwa akkuzat talli nhar il-5 ta’ Mejju 2003 ghall-habta ta’ l-4:00p.m. fis-Swieqi, flimkien ma’ persuni ohra, ikkommetta serq ta’ *handbag* kontenenti fost affarijiet ohrajn madwar tmintax-il elf liri fi flus kontanti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur li jeccedi l-elf lira sar

ghad-dannu ta' Maria Caruana mill-Wardija u / jew persuni ohra;

Illi huwa akkuzat ukoll talli nhar il-5 ta' Mejju 2003 u fil-jiem ta' wara f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe l-flus u l-oggetti msemmija, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.347) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 7 ta' Frar 2007 (a fol.348) fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Rat in-nota ta` l-osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-3 ta` Mejju, 2010;

Rat in-nota ta` l-osservazzjonijiet tad-difiza tat-27 ta` Mejju, 2010;

Ikkunsidrat:
Spettur Jeffrey Azzopardi (a fol. 12 et seq.) xhed illi fid-data citata fl-akkuza, certu Maria Caruana ta' erba' u sittin sena rrapurtat illi waqt li hija kienet fi Triq Qantar Swieqi, zewg irgiel hatfulha l-*handbag* u telqu jigru bih. Hija ppruvat ssegwihom izda tilfithom. Hija rrapurtat li kellha Lm 18,000 f'noti ta' ghoxrin lira fil-'hand bag' apparti arlogg, cheque books ta' Lombard Bank, xi *Bank Drafts*, cwievet u dokumenti.

Spettur Azzopardi xhed illi Caruana kienet infurmatu li dan l-ammont ta flus kien gej minn *tax refund* u il- flus kienu gew msarrfa mic-Central Bank fi blokka ta' ghaxar pakketti

ta’ mitt karta ta’ ghoxrin lira u hames pakketti ohra sfusi li minnhom kienet hadet zewg pakketti, waqt li il-*bank drafts* kienu fl-ismijiet indikati a fol. 15. Caruana infurmat lill-Pulizija li kienet tat sitt mitt lira Maltija (Lm 600) lil bintha mizzewga Formosa. Spettur Azzopardi ghamel l-indagini mac-‘Central Bank’ u gie informat mill-*Manager* Schiro’ li ghoxrin elf lira Maltija(LM20,000) mill-ammont msarraf kien f’ denominazzjonijiet ta’ ghoxrin li jgibu in-numru minn D/9 819 001 sa D/9 828 000.

L-ufficjal prosekutur spjega kif ikkonkluda illi l-flus misruqa kienu dawk li jibdew bin-numru 828 (a fol. 17,18 u 19). Spettur Azzopardi xhed illi ghalhekk baghadt cirkolari lill-banek u *casinos* kollha rigward denominazzjoni specjali ta’ karti ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm 20) b’numerals D /9828.

Fid-9 ta’ Mejju il-*Manager* tal-*Oracle Casino* informa lill-Pulizija bis-sejba ta’ hmistax -il nota ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm 20) li jibdew bl- D/9 828.
In-numerals precisi jinsabu (a fol. 20).

Illi ghalhekk Spettur Azzopardi talab ghal *CCTV footage* tat-8 ta’ Mejju 2003. Dan il-‘footage’ wera lill-imputat qieghed jitfa hmistax -il karta ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm 20) f’mejda t’ erba’ **u kien l-uniku persuna li ghamel dan**.

Fl-10 ta’ Mejju 2003 gew depozitati fl-*HSBC* sitt karti ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm 20) mill-**hanut *Options Republic Street, Valletta***.

Illi minn indagni li ghamlu d-dirigenti tal-hanut mal-pulizija stabbilew illi kien hemm erba’ *transactions* illi eccedew il-mitt lira Maltija (Lm 100) , wahda minn dawn it-transazzjonijiet kienet tindika **ix-xiri ta’ qalziet *Versace* li kien jiswa tlieta u tmenin lira Maltija (Lm 83)** liema qalziet kellu bzonn l-alterazzjoni. **Dan il-qalziet gie kkonsenjat lil Michelle Cutajar, il-*partner* tal-imputat li ffirmat ghalih**. Illi li di piu t-tlett transazzjonijieti l-ohra kienu mhallsa permezz ta’ *card* **u kienet t-transazzjoni tal-imputat biss li giet imhallsa *cash*.** L-ircevuti tal-

*Options* gew ezibiti GA u GA1. It-transazzjonijiet l-ohra gew ezebiti bhala GA2.

F’dawn l-indagini, gie stabbilit ix-xerrej kien wasal ghand l-Options **b’basket ta’ *Springfields*** u ghalhekk tkomplew l-indagini f’dan l-istabiliment fejn irrizulta tlett (3) karti ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm 20) bin-numri D/9828.
Spettur Azzopardi xhed (a fol. 26) illi fit-13 ta’ Mejju gew depozitati **sbatax -il karta ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm 20) fl-akkont ta’ *Premier Car Centre*** u meta gew mitluba mill-Pulizija u wara ezercizzju twil (ara fol. 26 – 29) gie individwalizzat pagament li sar a nom ta’ **Oliver Compagno, kugin ta’ Michelle Cutajar** li joqghod fil- *flat* taht dak tal-imputat.

Illi Oliver Compagno gie investigat mill-Pulizija. Spettur Azzopardi kompla jghid li Silvio Cassar, impjegat ma *Premier Car Hire* ikkonferma li Oliver Compagno ma kienx ghamel id-depoziti **izda kien Alfred Degiorgio li ghamel il-pagament**. Mit-tfittxija li saret fil-*flat* ta’ Compagno l-Pulizija sabet rcevuta originali, datata 10 ta’ Mejju 2003 fl-ammont ta’hames mija, disa’ u erbghin lira Maltija (Lm 549) li tkopri hames pagamenti (vide DOK GA3, GA3a, GA4 ).

Silvio Cassar informa lil pulizija illi kien Alfred Degiorgio li kien ressaq lil Compagno ghax-xiri ta’ karozza minn *Premier Car Sales* u li meta Compagno kien jittardja fil-pagamenti, **Silvio Cassar kien icempel lill-imputat Degiorgio**. Spettur Azzopardi xhed illi Compagno kien hallas lil Degiorgio b’karti ta’ ghaxar liri Maltija (Lm 10) u hames liri Maltja (Lm 5).

Irrizulta wkoll illi Cassar kien cempel lil Degiorgio biex.jinfurmah li kien hemm problema mal-bank bil-flus li Degiorgio kien tah. **Infatti Degiorgio rega cempel lil Cassar biex jiehu aktar informazzjoni**.

Spettur Azzopardi xhed illi kien hemm *CCTV footage* tal-imputat Degiorgio li jidher jhallas il-flus lil *Premier Car Sales*.

Saret tfittxija fir-residenza ta’ Degiorgio izda ma nstabx xejn ghajr ricevuti tal-*Options* DOK GA5 u 6 inkluz b’ricevuta ta’alterazzjonijiet fuq hwejjeg mixtrija; ricevuta ta’ *W & J Coppini* fl-ammont ta’ sitta u tmenin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm 86.62) li gew immsarfa f’dollari Awstraljani (GA9) ; ricevuti ta’ hwejjeg ta’ nisa GA10,11,12 ; ricevuti ta’ *Meli Book.Shop* GA13; ricevuti ta’ *Jerma Palace*, mija u tletin lira Maltija (Lm 130), GA16; u ricevuti GAZ 1-13; gew ezebiti *mobile pack* u l-*mobile* GA17 u 18 tal-imputat u juri li numru tal-*cell phone* tal-imputat kien 79067068 (fol. 38). Gew ezebiti GA20, 21 zewg ricevuti ohra.

Fl-istqarrija tieghu DOK GA22, l-imputat ddikjara li ma kienx jahdem u ghazel li ma jirrispondi ghal ebda domanda ohra.

In kontro ezami Spettur Geoffrey Azzopardi xhed illi huwa kien eleva l-ircevuti kollha li sab waqt it-tfittxija, izda kien rritorna dawk li kienu antecedenti ghad-data tal-akkuzi.

Maria Caruana (a fol. 47 et seq.) kkonfermat ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur dwar l-appuntament fic-*Central Bank* sabiex jissarfu *cheques* ta’ refuzjoni ta’taxxa; id-*deposits* li saru l-*Lomabard Bank*; it-transazzjonijiet li twettqu fil-*branch* tal-*Bank of Valletta* Msida; il-hlasijiet ta’ mitejn lira Maltija (Lm 200) tal-*Visa Cards* mill-blokka ta’ ghoxrin elf lira Maltija (Lm 20,000); il-hlas tal-pagament lill- bintha mizzewgha Formosa ; u l-htief tal-*hand bag* hekk kif harget mid-dar ta’ bintha s-Swieqi.

Maria Caruana xhedet illi kien hemm zewg hallelin li wettqu il-htif tal-*handbag* taghha; xhedet dwar kif hija ppruvat tigri warajhom; u li rathom f’karozza. Hija xhedet illi ma setghetx tati deskrizzjoni ghajr li kienu hfief u li kienu libsin *baseball caps*.

Caruana kkonfermat li kellha tmintax il-elf lira Malitja (Lm 18,000) fil-basket taghha, arlogg *Gucci* u nuccali. Di piu kellha envelope ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm 150) fiz-zip tal-‘hand bag’.

Illi xi zmien wara 5 ta’ Mejju 2003, il-Pulizija talbitha tidentifika il-basket taghha li nstab mahruq. Hija.gharfitu stante li kien hemm id-djarju u c-cwievet taghha.

A fol. 54 Spettur Geoffrey Azzopardi xhed li certu Raymond Vella kien irraporta li sab *hand bag* qieghed jaqbad li kien jikkontjeni flus u dokumenti, u rraporta lill-Pulizija. Dan il-*hand bag* rrizulta li kien jappartjeni lil Maria Caruana li gharfitu.
**Spettur Azzopardi zied jghid li waqt it-tfittxija fir-residenza ta’ Degiorgio instabu hwejjeg godda bit-tikketta ta’ *Springfields*.**

Johann Ferrando *PRO* tal-*Bank of Valletta* kkonfermat li kien ircieva cirkolari dwar *serial numbers* fuq noti ta’ghoxrin lirijat u rrizulta illi il-bank kellu fil-pussess tieghu zewg pakketti minn dawn in-noti ta’ghoxrin lira. Ghalhekk informa lill-pulizija b’dan kollhu. Ikkonferma li dawn l-istess noti kienu gew depozitati minn Maria Caruana u Adrian Busietta; **li l-flus kienu *mint* u ghadhom bit-*tags* tac-*Central Bank*.** Dawn in-noti kienu jibdew bis-*serial number* . D/9828901 u esebixxa dok. JF.

George Schiro’ (a fol. 64 et seq.) mis-*Central Bank* ikkonferma li kien issarraf *cheque* ta’ disa’ u ghoxrin elf u disa’ mija u sittin lira Maltija (Lm 29,960) f’ *mint notes* ta’ ghoxrin lira Maltija (Lm 20) f’pakketti ta’ mitt nota kull wiehed, liema pakketti jkunu ppakkjati f’ *bundle*’ ta’ ghaxar pakketti u li kollha kienu *shrink packed*. L-ammont ta’ tletin elf lira Maltija (Lm 30,000) gew imsarrfa f’ *bundle* ta’ ghoxrin elf lira Maltija (Lm 20,000) u hames pakketti ta’ mitt *bank notes* ta’ghoxrin lira Maltija (Lm 20) f’ kull pakkett. Pakkett wiehed kellu zewg noti nieqsa.

Il-hames pakketti kellhom in-numri 827 001 sa 827 500.

Schiro’ kellu jaghti informazzjoni ulterjuri.

Mary Farrugia, (a fol. 70 et seq.) kaxxiera mac-Central Bank, kkonfermat li meta giet pprezentata b’cheque ta’vicin it-tletin elf lira Maltija (LM 30,000), hija sejhet *supervisor* Joseph Mercieca, li ta l-flus li kienu mqassma

f'ghaxar pakkett ta' elfejn lira Maltija (Lm 2000) cioe' kolha ta' ghoxrin lira Maltija (Lm 20) *notes*, u hames pakketti *loose* li min pakkett wiehed hadet zewg *notes* ta' ghoxrin lira Maltija (Lm 20). Farrugia xhedet li ma zammitx *record* ta' *serial number* tan-noti.

George Sciro riprodott (a fol. 75 et seq) kellu jerga jaghti informazzjoni ulterjuri.

Massimo Nappa Licari, *Manager* tal-*Options*, ikkonferma li kienu kellmuh il-Pulizija dwar is-*sales* li jidhru fir-ricevuti GA5 u GA6. Ikkonferma DOK GA 2 li kienet *invoice* tat-transazzjoni in kwistjoni u kkonferma illi r-ricevuta tal-alterazzjonijiet kienet tikkorrispondi ma dik it-transazzjoni, fejn kien hemm ukoll mnizzel l-isem Alfred Degiorgio. Licari gharaf lill-imputat bhala l-istess Alfred Degiorgio li ghamel t-transazzjoni ndikata (vide a fol. 83) In kontro ezami, Licari jikkonferma li l-imputat kien akkompanjat minn Michelle Cutajar li filfatt kienet iffirmat ir-ricevuta ghall-alterazzjonijiet.

Silvio Cassar, impjegat ma *Premier Car Hire*, kkonferma li Compagno kien xtara karozza mis-socjeta fuq indikata, u li Cassar  kien icempel lill-imputat  meta Compagno kien jittardja fil-pagamenti.  Cassar kkonferma illi huwa ma rceviex il-pagamenti li jidhru fir-ricevuti GA3 u GA3a, pero ikkonferma illi ma rax lill Oliver Compagno fl-ufficini tas-socjeta, u li dawn il-pagamenti saru mill-imputat Alfred Degiorgio lill-Vincent Fenech.  Illi sussegwentament meta mar il-bank jiddepozita l-flus, hass illi kien hemm xi haga li ma kienitx flokha u cempel lill-Alfred Degiorgio biex jistaqsih jekk kienx hemm xi nkwiet. Cassar xhed illi l–imputat Alfred Degiorgio kien rega' cempillu fil-hdax (11:00pm) dak il-lejl stess biex jassigurah li ma kienx hemm nkwiet.  Cassar ezebixxa DOK SC, lista ta' pagament li saru fid-9 ta'Mejju 2003. Ikkonferma ukoll in kontro- ezami, illi l-pagament ta' Doreen Spagnol kien sehh erbghat ijiem qabel u cioe fit-3 ta'Mejju 2003.

Gaetano Fenech, (a fol. 11 et seq.) Direttur tal-azienda *Premier Car Sales*, flimkien ma huh Vincent Fenech, ikkonferma li kellhom zewg impjegati cioe Jesmond Tong

u Silvio Cassar. Ikkonferma id-depoziti li saru, f' DOK GF pagna 18. Gaetano Fenech ikkonferma li l-imputat kien ressaqlu lill Oliver Compagno li xtara karozza mis-socjeta taghhom. Compagno kien jittardja fil-pagamenti u allura kienu jikkomunikaw mal-imputat sabiex dan ikellem lill Compagno. Gaetano Fenech, xehed a fol 116, illi irrizultalu illi l-imputat kien ghamel l-ahhar pagamenti fuq il-karozza ta' Oliver Compagno.

George Sciro riprodott (a fol 125) ikkonferma illi is-*serial number* tal-karti ta' ghoxrin lirijat misruqa kienu minn D/9 828001 sa 829000.

A fol 132 Noel Scerri raprezentat tal-*accounts* ghas-socjeta *Magri & Zammit* li tinnegozja il-hwienet *Springfield, Extyn, Moyga* , *Playboy* u *Sash* ikkonferma illi kien gie avvicinat mil-ufficjal prosekutur rigwardanti it-tlett noti ta' ghoxrin lirijat depozitati minnhom u cioe D/9 828386, 828810, u 828811.( vide NS, NS1 u NS2) Noel Scerri spjega li l-procedura taghhom ghal dak li huma depoziti bankarji u li gielu jigri li jinzammu xi flus sabiex jergghu jintuzaw ghal *cash flow* tal-hanut, u li dan seta' gara fil-kaz in ezami biex jispjega id-dati differenti tad-depoziti tal-ghorin lirijat koncernati.

Oliver Compagno (a fol 150 et seq) kkonferma li l-imputat kien ilu *partner* ta'Michelle xi erbgha jew hames snin. Ikkonferma li kien xtara karozza minn Premier Car Sales u l-mputat Alfred Degiorgio kien hallas ghan-nom tieghu, pagamenti fuq il-karozza tieghu. Ikkonferma ricevuti GA3 u GA3a u li huwa kien ghadda il-flus imksemmija fl-ircevuti lill-imputat, wara li l-imputat kien mar ihallas lill-*Premier Car Sales*. Compagno xhed li Alfred Degiorgio kien hallaslu diversi pagamenti u li dejjem kien irrefonda dawn il-flus lill-imputat.

Joe Sammut, *Security Manager* tal-*Oracle Casino*, ikkonferma li l-imputat Alfred Degiorgio kien “iddroppja” hmistax il-nota ta'ghoxrin lira, fit-8 ta' Mejju 2003 u dan wara li ezamina is-*CCTV footage* tal-gurnata inkwistjoni.(vide a fol 179). Sammut ezebixxa DOK JS 3 li

juri is-*serial number* tan-noti tal-ghaxar liri indikati fix-xhieda tieghu.

Spettur Geoffrey Azzopardi ezebixxa DOK GA 23 basket ta'*Springfield*, kontinenti erba' qomos godda tal-irgiel u GA 24 basket tal-plastik ta'*Clamus* kontineti diversi *tops* tan-nisa u tat-tfal u *top* tal-irgiel.

PS 516 Alfred Borg (a fol 191 et seq) ezebixxa faxxiklu ritratti cioe AB 1 sa AB 21.

A fol 201 Vincent Fenech, ikkonferma illi huwa Direttur tas-socjeta *Premier* flimkien ma huh u kkonferma li kien rcieva hlas ta hames mija u disgha u erbghin lira Maltija (LM 549) mill-imputat Degiorgio.

Adrian Busietta (a fol 209 et seq) ikkonferma is-serqa ta' tmintax il-elf lira Maltija (LM 18,000) , Ikkonferma ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur u ta Maria Caruana.

Michelle Cutajar (a fol 213 et seq) ikkonfermat illi hija tippecepixxi ukoll mill-beneficcji socjali, u gieli tmur tghin lill-missierha f'dolcerija. Hija xhedet illi kienet il-*partner* tal-imputat. Cutajar ikkonfermat li x'aktarx marret tixtri xi hwejjeg ghat-tfal taghha akkompanjata mill-imputat fil-5 ta'Mejju 2003 u halliet depozita ta hamsa u erbghin lira Malitija (LM 45). Ikkonfermat li xtrat mad-disghin lira hwejjeg minn hanut wiehed u nefqet madwar mija u ghoxrin minn hanut iehor. Illi xi granet wara, kienet marret tigborhom fejn hemmhekk l-imputat xtara xi affarijiet ghalih. Ikkonfermat DOK GA 9, u xhedet illi l-imputat kien sarraf xi flus Awstraljani u li kienet taghtu l-id card taghha ghaliex tieghu ma kienitx fuqu. Ikkonfermat ir-ricevuti GA 10, li thallset fid-9 ta'Mejju 2003. Ikkonfermat DOK GA 12 ricevuta tal-hanut *Mary Poppins* il-Belt minn fejn xtrat affarjiet ghat-tfal taghha. Ikkonfermat DOK GA 7 ricevuta li turi li xtrat xi hwejjeg minn *Springfields* meta kienet akkompanjata mill-imputat. Ikkonfermat ukoll DOK GA 8 li ukoll kienet ta'xiri ta'hwejjeg. Cutajar xhedet li ghal rigward ta' GA 5 u GA 6 fid-9 ta'Mejju 2003, l-imputat kien xtara zewg qliezet li kellhom bzonn xi alterazzjonijiet. Ikkonfermat DOK GA 16 ricevuta mill-*Clamus Centre* minn

fejn Michelle Cutajar xhedet li xtrat xi *toys* tat-tfal. GA 10 u GA 11 kienu ricevuti mill-hanut *Match Music* waqt li GA13 kienet ricevuta ta'*Meli Bookshop*. Michelle Cutajar ikkonfermat ix-xiri indikat minghand *Springfield*, ta' ogetti tal-hwejjeg (vide a fol 222). Cutajar xhedet li kienet hallset lill-hanut *Options* permezz tal-*cash* f'denominazzjonijiet ta' hamsa, ghaxra u ta' ghoxrin. Michelle Cutajar ikkonfermat li GA 15 kienet ricevuta ghal-ikla ta' Jum l-Omm li sehhet fil-*Jerma Palace Hotel* u hija gabbret ir-ricevuta il ghaliex igemma ir-ricevuti kollha biex tkun tista' tissottomettihom ghal-Lotterija tal-VAT. Cutajar xhedet illi l-familjari taghha kollha kienu hallsu sehemhom. Cutajar a fol 231, xhedet lil-imputat kien taghha mitt lira Maltija (LM 100) u missierha kien taghha xi flus ohra, b'hekk kienet ghamel il-kuragg sabiex tixtri dawk l-affarjiet fuq msemmija bi skont. **Michelle xhedet illi l-imputat jahdem bhala *security* il-BlackBull f' Paceville**. A fol 234 **Cutajar xhedet illi l-imputat jiehu relief ukoll**. A fol 235 Cutajar xhedet illi l-prezz ta'wiehed mill-zliezet li xtara l-imputat Degiorgio kien ta' tmienja u tmenin lira Malitja (LM88), u kien tad-ditta ***Versace****,* waqt li l-qalziet liehor kien jiswa tnejn u ghoxrin lira Maltija (LM22). Ikkonfermat DOK MC li kienu hwejjeg illi hija xtrat mill-hanut *Match Music* .

Dr Robert Tufigno (a fol 251) ikkonferma li numri tal-*mobile phones* 7906 7068, 7951 0510, kienu *pre paid* u ghaldaqstant bla dettalji. Izda dwar l-ahhar numru, kellhom informazzjoni informali li din il-linja kienet tghajjat lill-Gaetano Fenech *Premier Car Sales* Burmarrad. Il-*call profiles* gew ezebiti u jinstabu minn a fol 253 sa 262.

Dr Frank Cassar (a fol 264), ikkonferma li huwa jippatroncina lill-Mary Caruana u Adrian Busietta, u kkonferma li Busietta u Caruana infurmawh bis-serqa tal-*handbag* ta'Caruana.

Tamara Brincat, (a fol 269), bint Mary Caruana, ikkonfermat li Mary Caruana u Adrian Busietta kienu gew id-dar taghha sabiex ihallsuha is-somma ta sitt mitt lira Maltija (LM 600) f'denominazzjoni ta ghoxrin lirijat, li kienu

b'numri serjali li jsegwu. Bihom hallset il-kont tad-dawl u l-ilma u l-bqija idepositathom fil-kont bankarju.

Mario Bartolo, (a fol. 276), *Security Manager* ma` l-*HSBC,* ikkonferma li huwa hareg *caution* jew *alert* fuq karti ta`ghoxrin lira Maltija (Lm 20) skond in-numri li kienu gew indikati lilu u ezebixxa dokumenti MB, MB1, u MB2 li huma lista tan-numri serjali tal-karti ta` l-ghoxrin lira illi gew depozitati fil-banek taghhom u minn min gew depositati.

A fol. 291 Edwin Mallia rapprezentant ta` l-*ETC* ezebixxa l-*Employment History* ta` l-imputat. (vide dokument ETC1).

Carmelo Farrugia, (a fol. 305 et seq.) Kap tas-Sigurta` tal-*Bank of Valletta* ezebixxa dokument CF u CF1 ic-cirkulari tal-Avviz tas-serq ta` tmintax il-elf lira f`karti ta` l-ghoxrinijiet .

Joseph Sammut *Chief Executive* ta` l-*Oracle Casino* **ezebixxa Dok JSZ rcevuta ta` flus depozitati mill-imputat tat-8 ta` Mejju, 2003**.

Roderick Spiteri (a fol. 319) ex impjegat ma` l-*Casino* imsemmi ikkonferma Dok JSZ u l-ammont ta` flus cioe` tlett mitt Lira Maltija (Lm300_ illi l-imputat halla warajh mad-dealer tal-casino f``*bets* fuq ir-*roulette* ta` sittin lira Maltija (Lm 60) l-wahda.

Raymond Desira, *Assistant Principal* fid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali ikkonferma li **l-imputat kien ilu jibbenefika mill-ghajnuna socjali mill-20 ta` Lulju, 2002 ghajr ghal perjodu qasir bejn Mejju u Gunju tat-2003 u ezebixxa Dok SS u Dok. SS1**. In kontro ezami u mistoqsi kemm il-darba jaf jekk l-imputat wiritx xi flus jew rebahx xi flus, Desira xehed illi fi kwalunkwe kaz kien fid-dover ta` l-imputat li javza lid-Dipartiment.

Carmel Farrugia, (a fol. 349) in kontro ezami kkonferma, illi c-cirkulari li l-bank tieghu hareg fuq erba` *serial numbers* in partikolari ma gewx revokati.

Martin Vella rapprezentant ta` l-Internal Audit tal-*Bank of Valletta* ikkonferma s-sinnifikat tad-dokumenti CD1 u dak li jirrapprezentaw il-kolonni hemm hekk indikati.

Carmel Farrugia ikkonferma l-istruzzjonijiet u c-cirkulari illi gew mahruga mill-bank tieghu b`referenza ghal fol. 307, flimkien ma` l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-Pulizija. Farrugia xhed li dawn l-istruzzjonijiet gew segwiti minnu u saret in-notifika lill Pulizija kif u meta kienu jidhlu n-noti koncernati. Ma setax jigi eskluz li xi impjegati ohra tal-*Bank of Valletta* sabu xi haga u effettivament ma rrappurtawx lilu.

Mario Bartolo in kontro ezami ikkonferma li l-flus koncernati cioe` n-noti ta` l-ghoxrin liri kienu **hargu mic-cirkolazzjoni ghal zmien konsiderevoli u cioe` ghal xi sena**.

Martin Vella, in kontro ezami, ezebixxa Dok X u Dok X1 li huma *log report* u spjegazzjoni tal-*log report* rispettivament.

Geoffrey Azzopardi ezebixxa dokument GAZ1 u GAZ2.

Anthony Scicluna, *Executive Head Internal Audit* tal-*Bank of Valletta* ikkonferma d-Dokumenti GAZ1 u GAZ2.

Rudolph Gatt, *Assistant Executive Head*, *Internal Audit* tal-*Bank of Valletta*, ta spjegazzjoni tad-Dok. GAZ1 u GAZ2 u x`ifissru il-headings tal-kolonni li jidhru fiz-zewg dokumenti.

Meta gie riprodott, Rudolph Gatt ta l-ispjegazzjoni bejn *financial* and *non financial transactions* u ta ezempji ta` *non financial transactions*.

Ikkunsidrat:

Mill-kompless tal-provi fuq indikati, u kif jirrizulta mill-ewwel zewg faccati tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-flus misruqa minn Maria

Caruana u Adrian Busietta ammontanti ghal tmintax il- elf lira Maltija (Lm 18,000), kienu jgibu in-numri serjali minn D/9 828001 sa D/9 828900.

Mill-provi fuq indikati jirrizulta b`mod car illi s-*Security Manager* tal-*Oracle Casino* sab , fit-8 ta` Mejju, 2003, hmistax il-karta ta` ghoxrin lira li kienu derivanti minn din is-serqa u cioe : D/9 828357 sa D/9 828358, 828690, 828827 sa 828836, 828840 sa 828841.

Illi di piu` mic-*CCTV recordings* li gie debitament ezebit in atti, liema filmat gie muri lil Qorti waqt access irrizulta **illi dan il-fimat juri l-imputat Degiorgio jilghab fuq il-mejda tar-*roulette* u li kien l-uniku participant li beda jitfa` karti ta` flus ta ghoxrin lira Maltija (LM 20) fuq il-mejda tal-loghob**. Dan huwa debitament ikkonfermat ukoll mir-*records* ta` l-istess *Casino* illi jindikaw li l-imputat laghab bi tlett mitt lira Maltija (Lm 300) u ma rebah xejn (vide Dok JSZ).

**Fl-10 ta` Mejju, 2003** Mario Bartolo *Security Manager* ta` l-*HSBC* rrapporta li kienu **gew depozitati 6 karti ta` Lm 20 (D/9 828355, 828391, 828802, 828803, 828809, 828850) mill-hanut *Options Republic Street, Valletta*.** Mill-ircevuti ta` l-istess hanut (Z *readings*) jirrizulta ppruvat illi kien hemm erba` transazzjonijiet li qabzu l-mitt lira Maltija (Lm 100), li tlieta minnhom gew imhallsa permess ta` *credit cards* u **wahda biss thallset fi flus kontanti** u cioe` dik fl-ammont ta` mija u tmintax il-lira Maltija sebgha u disghin centezmu (Lm 118.97). Jirrizulta ppruvat mix-xhieda fuq indikata (vide Massimo Nappa Licari) illi t-transazzjoni kienet tinvolvi **x-xiri ta` qalziet tal-marka Versace (prezz Lm 83) li dwaru kellu jsir alterazzjonijiet tal-hjata u li l-isem fuq l-ircevuta ta` l-alterazzjonijiet kien ta` Alfred Degiorgio**. Apparti minn dan, Licari ta dettalji precizissimi **, gharaf lill-imputat Degiorgio, u ftakar li fil-fatt li kellu basket tal-hanut *Springfield* li minnu hareg qmis biex iqabbel ma` l-qalziet.**

**Jirrizulta wkoll ix-xhieda ta` Noel Scerri mill-hanut *Springfield* li kellu fil-pussess tieghu tlett karti ta` l-ghoxrin lirijiet misruqa (D/9 828386, 828810, 828811).**

**Irrizulta illi fit-13 ta` Mejju, 2002** Mario Bartolo *Security Manager* ta` l-*HSBC* **rrapporta sbatax il-karta ta` ghoxrin lirijat misruqa liema noti gew depozitati mis-socjeta` *Premier Car Sales* (D/9 828344, 828354, 828359, 828360 sa 828362, 828369, 828374, 828378, 828388 sa 828390, 828511, 828512, 828514, 828515, 828843).** Mill-branka ta` Bugibba **gew depozitati minn Tong, impjegat tal-Premier Car Sales, il-karti (D/9 828367, u D/9 828842)**.

**Ix-xhieda ta` Gaetano Fenech, (a fol. 110 et seq.) juri bic-car illi kien l-imputat Alfred Degiorgio li hallas fi flus kontanti is-somma ta` hames mija u disgha u erbghin lira Maltija (Lm 549) ghan-nom ta` Compagnio (Li kien kugin tas-siehba ta` l-imputat). Dan gie ikkorroborat minn Vincent Fenech u Silvio Cassar.**

Ikkunsidrat illi s-serqa mertu ta` l-akkuza sehhet fil-5 ta` Mejju, 2003.

Illi dawn in-noti ta` ghoxrin lira misruqa u li jgibu in-numru serjali li dwarhom sar l-***alert***, **bdew ifeggu tlett ijiem wara din is-serqa**. Wiehed irid iqis illi s-serqa mertu ta` l-akkuza si tratta ta` ***brand new Bank notes*** **.**

Illi dawn il-fatturi jinkombu fuq il-Qorti biex tezamina l-applikabilita’ o meno tal-kuncett ta’ *recent possession* ghal kaz in ezami. Dan il-kuncett gie pjenament assorbit fil-gurisprudenza taghna. In fatti, fl-Appell Kriminali per Imhallef Onor. Vincent De Gaetano LL.D. fl-ismijiet **Pulizija vs. Emanuel Seisun u Puis sive Pio Micallef** jinghad:

*“There appears to have been widespread misundestanding of the so-called doctrine of recent possession. The “rule” (for it is no more than the application of common sense) is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and*

*property stolen therefrom and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should be aso directed: see* ***R. vs Loughlin,*** *35 Cr. App.R.65;* ***R. vs Seymour****, 38 Cr.App.R.68. This of course applies equally to thefts other then in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery.*

*In* ***R. vs Smythe****, 72.Cr.App.R.8C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from* <u>Cross on Evidence</u>*,* 5th ed., p.49 (now 8th ed.p.35): *"If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue.*

*Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence which tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include,*

*however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with other available evidence" (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126);*

*U aktar 'il quddiem jinghad:*

*What constitues "recent possession" depends upon the nature of the property and the circumstances of the particular case...In **R vs. Smythe**…Kliner Brown J., giving the Court of Appeal's judgement said: "Nearly every reported case is a decision of fact as an example of what is no more than a rule of evidence." (para.21-320)"*

Illi fil-kaz in ezami il-Qorti ghandha quddiemha diversi lokalitajiet fejn minn feggu dawn il-karti ta\` ghoxrin lirijat misruqa u cioe diversi branki tal-banek u postijiet ohra. **Dawn kollha gew intraccati lura ghal imputat Degiorgio**.

Il-Qorti ma ghandhiex quddiemha kaz ta\` pussess ta\` ghoxrin lira unika u certu trapass ta\` zmien. Ghaldaqstant ma japplikax dak ritenut mill-Qorti ta\` l-Appell Kriminali fil-kawza l-Pulizija vs Melchior Spiteri deciza fil-11 ta\` Marzu, 1993.

Fil-kaz in ezami il-Qorti ghandha quddiemha hmistax il-karta ta\` ghoxrin lira li gew misjuba fl-*Oracle Casino* fejn fuq ic-*CCTV footage* jidher l-imputat Degiorgio qieghed ihalli karti tal-flus fl-*slots* ta\` fuq il-mejda tar-*roulette*.

Sitt karti ta\` l-ghoxrin lira derivanti mis-serqa indikata, instabu ghand l-*Options Republic Street, Valletta,* minfejn l-imputat u s-siehba tieghu xtraw diversi oggetti **fosthom qalziet ta\` l-irgiel ffirmata *Versace* li kellu bzonn l-*alterations*, fejn l-ircevuta ta\` dawn l-alterazzjonijiet tindika Alfred Degiorgio. Di piu s-*salesman* Nappa Licari ta deskrizzjoni dettaljata u preciza tax-xerrej, li**

**tinkludi farrett fil-wicc, li huwa rifless f`wicc l-imputat.** Jirrizulta stabbilit illi x-xerrej, li kien ghadu kemm dahal fil-hanut *Options,* kellhu f'idejh basket ta` l-*Springfield* ghax ried iqabbel il-qmis ga mixtrijja mal-qalziet li ried jixtri minghand l-*Options*. **Illi jirrizulta nstabu tlett karti ta` ghoxrin lira Maltija derivanti mis-serqa, fil-hanut *Springfield*, kif jirrizulta mix-xhieda ta` Noel Scerri.**

Apparti c-*CCTV footage*, il-provi saljenti ohra fil-kaz in ezami, hemm **s-sbatax il-karta ta` ghoxrin lira derivanti mis-serqa meritu tal-akkuza, li l-imputat hallas personalment lil *Premier Car Sales* ghan-nom ta` Compagnio li kien kugin tas-siehba ta` l-imputat Michelle Cutajar.**

Dan ifisser illi l-kaz in ezami ma jikkoncernax karta wahda fost ghexiren ta` noti li feggu ma` Malta kollha. Ghal kuntrarju jirrizulta b`mod lampanti, illi kull fejn feggu dawn il-karti ta` ghoxrin lirijat misruqa, kollha wasslu ghal u involvew l–imputat Alfred Degiorgio.

Illi apparti minn dan kollu **hemm il-prova tal-istat "indigenti" tal-imputat li kien dizokkupat u kien qieghed jippercepixxi minn beneficcji socjali,** fil-perjodu ta' zmien relevanti ghas-serqa inkwistjoni.

L-provi tal-prosekuzzjoni juru b'modd l-lampanti illi fiz-zmien tas-serqa l-imputat kien dizokkupat – Ara d-DOK tal-ETC1 (a fol 291 et seq) u xhieda ta' Edwin Mallia u li kien qieghed jircievi beneficcji socjali ( ara xhieda ta' Raymond Desira mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u DOK SS u SS1).

Illi huwa stramb kif persuna dizokkupata u beneficcjarja t' ghajnuna socjali, tkun f'qadgha illi tmur il-Kasino u tahraq centinajja ta' liri Maltija; tkun f'qadgha li tmur fuq *shopping spree* u sahhansitra tixtri **lbies iffirmat ta' *Versace*,** flimkien ma diversi oggetti ta' ilbies ohra ghaliha, ghal-partner u ghat-tfal; u tkun f'qadgha li tkun rjal tant illi thallas kont ta' hames mija u disgha u erbghin lira Maltija (LM 549) ghal-terza persuna (u cioe Oliver Compagno kugin tas-siehba tal-imputat Michelle )

Dan m'huwiex agir meqjus ta'persuna illi tghix ***just above the poverty line*** u cioe, bl-anqas ammont percepit mill-Istat bhala l-mininu ghal-ghejxien decenti. **Ghal-kuntrarju dan huwa agir ta'persuna li huwa sta bene**.

Kif inhu ritenut fin-nota tas-sottomissjonijiet tad-difiza, l-imputat ghandu d-dritt li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li ssirlu waqt l-istqarrija.

Il-Qorti tasal ghal konkluzzjonjiet taghha wara li tgharbel u tezamina bir-reqqa ix-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni u il-punti legali mqanqla mil-partijiet. Dan huwa precizament dak li ghamlet din il-Qorti

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat Alfred Degiorgio hati ta` l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnu tilliberah u wara li rat l-Artikoli 261(b), (c), 263 (b), 267, 278, 279(b), 280, 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta u tikkundannah ghall-erba` snin u nofs prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta` f`arrest preventiv.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-gravita tar-reat, il-Fedina Penali tal-imputat, l-eta tieghu u cirkostanzi kollha tal-kaz.
Di piu il-Qorti tordna li l-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi f'perizji fil-kaz odjern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------